**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 5 – IT-TNEJN, 3 TA' GUNJU 2013 FIL-6:00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 4**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 5.2 għandu jinbidel l-ewwel żewġ sentenzi għal "Lis-Sinjura Joan Farrugia rreferit għall-minuti fil-paragrafu 7.1 u ma taqbilx li l-Kappara hija nadifa għax għandha provi li s-segretarju kellu telefonata minn MP u anke minn residenti li l-Kappara hemm il-ħmieġ. Is-Sur Neville Mallia, is-Sur Dominic Cassar u s-Sinjura Rita Saliba ma qablux għax qalu li qatt ma rċevew ilmenti, għalhekk hawn qalet li fl-laqgha oħra ħa ġġib il-provi ta' dan li qeda tgħid".

1.2 Fil-paragrafu 5.4 għandha tidħol "Hu ppropona li ssir reserved parking fi Triq il-Mensija għall-Ministri quddiem il-każin tal-Labour". Ma kienx hemm sekondant.

1.3 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm 8 favur u 1 kontra.

**2 Pagamenti Numru 4**

2.1 Is-Sur Etinne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu. Ġie wkoll approvat il-pagament tal-MCA li kien imwaqqaf fil-laqgħa.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-laqgħa ta' konsultazzjoni li kellu mar-rappreżentanti ta' TM rigward il-Junction tal-Kappara li hemm propost.

3.2 Ġie diskuss il-kont pendenti li hemm ta' 'l fuq minn 7000 Ewro ma' B Grima & Sons. Minħabba numru ta' irregolarjiet, ġie deċiż li dan il-każ jiġi riferut lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

**4 Korrispondenza**

4.1 Kien hemm no objection biex l-Għaqda Piroteknika tagħmel l-logħob tan-nar waqt il-festa tal-lokal.

4.2 Kien hemm no objection biex skola ġdida tal-Ingliż fi Triq Birkirkara jkollha un/loading quddiema.

4.3 Ġiet innutata talba minn resident fi Triq San Ġiljan għal residents parking. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward it-talba ta' TM biex nikkonsidraw it-talba tagħhom biex isir un/loading fi Triq iċ-Ċiklamini. Ġie deċiż li tintbagħat risposta lil TM li jekk huma jirnexxilhom jżidu l-parkeġġ f'din it-triq tista' ssir din un/loading.

Is-Sinjura Marica Bayliss skużat ruħha mil-laqgħa fis-6.55pm minħabba kunflitt ta' interess.

4.5 Ġew diskussi s-seb' offerti li l-Kunsill irċieva għal xogħol ta' manutenzjoni ta' bozoz fil-ġonna pubbliċi. Ġie deċiż li jsiru xi mistoqsijiet lil M I Installations peress li dawn kienu l-irħas offerta.

Is-Sinjura Marica Bayliss daħlet fil-laqgħa fis-7.15pm.

**5 Punti li joħorġu mill-minuti u Affarjiet oħra.**

5.1 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat li hemm xi reserved parking madwar San Ġwann li mhemmx permess għalihom. Għandha tintbagħat ittra lil TM rigward dan.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mill-laqgħa fis-7.22pm.

5.2 Is-Sur Neville Mallia staqsa jekk il-kuntratturi tal-knis bagħtux l-informazzjoni mitluba minnhom. Għandha tintbagħat reminder. Ġie deċiż li jitneħħa l-bank l-imkisser li jinsab fis-soft area fi Triq Bellavista, għandu jinqata' l-haxix li qed joħroġ minn art privata għal fuq il-bankina, għandha tinġibed l-attenzjoni li l-bus stop fi Triq taż-Żwejt qed tkun mitfija u tinbagħat reminder lill-TM rigward Triq Ta' Gawdieri.

5.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ġibdet l-attenzjoni li hemm persuna oħra li tista' tqassam il-magazine tal-Kunsill bi spiża ta' 120 Ewro biss. Ġie deċiż li jitqabbad dan il-persuna.

5.4 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex tintbagħat reminder lill-TM minħabba l-bus stop li m'għadiex tintuża. Rigward il-paragrafu 5.2 fil-minuti, għandha tintbagħat ittra lir-resident li għamlet it-talba, li dan ix-xogħol isir meta jkun hemm fondi. Hija nfurmat lill-Kunsill rigward tablet li ġie ppreżentat lill-Kunsill mit-TCTC.

5.5 Is-Sur Malcolm Abdilla talab li ssir mera fi Triq San Ġiljan. Għandha ssir site visit fuq din. Hu ppreżenta stima minn Sentrino Web għal websajt il-ġdida tal-Kunsill. Is-Sur Mikhail Micallef għandu jġib stima oħra. Hu lmenta wkoll fuq il-problemi li qed ikun hemm fi Triq il-Mensija minħabba l-posta. Is-Sindku għandu jitkellem ma' uffiċjal għoli tal-posta fuq din.

5.6 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta fuq il-ħaxix ħazin li jinsab fil-Cart Ruts. Għandha tintbagħat reminder fuq din. Għandha ssir write up fuq il-pool association u t-tournament li għandu jsir. Hu nforma lill-Kunsill li ser issir musical fuq San Ġwann.

5.7 Is-Sur Mikhail Micallef ilmenta fuq il-ħaxix li jrid jinqata' minn Triq l-Assemblea Nazzjonali. Hu nforma lill-Kunsill li l-fuljett tal-Kunsill ser isir fuq karta reċiklata bi spiża ta' €100 għal kull pubblikazzjoni.

5.8 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-bankijiet fil-masġar twaħħlu. Għandha tinbagħat reminder rigward il-bus stop li huwa fi stat ħażin ħafna fi Triq il-Kappella.

5.9 Ġie deċiż li għandha tinbidel is-salvavita minħabba li qed jinqata' d-dawl frekwenti. Għandhom jinbidlu s-seraturi u l-ħġieġ ta' waħda minn noticeboards kif ukoll titwaħħal il-pjanċa li hemm nieqsa fi Ġnien Karin Grech kif ġiet indikata fir-rapport tal-MCCAA. Ġie deċiż li nagħtu l-appoġġ lir-resident li se jagħmel 60 siegħa fl-ilma għall-karità.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta Ġunju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |